MINUTI

GVERN LOKALI ĦAL TARXIEN

IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 - 2017

LAQGĦA STRAORDINARJA SEDUTA NUMRU 30/07 - 19 ta' Frar 2015 fil-17:00pm

PREŻENTI

JOSEPH ABELA	*SINDKU*	
PAWLU FARRUGIA	*VIĊI SINDKU*	
FRANCIS AGIUS	*KUNSILLIER*	
KEITH DARMANIN	*KUNSILLIER*	
LAWRENCE BONAVIA	*KUNSILLIER*	*skużat*
ISHMAEL DALLI	*KUNSILLIER*	*skużat*
DORIS VELLA	*KUNSILLIER*	
ANTONELLA GALEA	*SEGRETARJU EŻEKUTTIV*	

Attendew ukoll l-Accountants tal-Kunsill is-Sur Alan Craig u s-Sur Ramon Cutajar

AĠENDA

1. Introduzzjoni mis-Sindku
2. Approvazzjoni tal-*Financial Statements* 2014 li ser jiġu ppreżentati dak in-nhar tal-laqgħa u spjegati mill-Accountants
3. Għeluq tal-laqgħa

TALBA

Is-Sindku qal il-talba u ppressieda l-laqgħa.

1 **Introduzzjoni mis-Sindku**

i. Is-Sindku s-Sur Joseph Abela filwaqt li ta merħba lill-Accountants tal-Kunsill is-Sur Alan Craig u s-Sur Ramon Cutajar talabhom sabiex jagħtu spjegazzjoni *tal-Unaudited Financial Statements* għas-sena 2014.

2 **Approvazzjoni tal-*Financial Statements* 2014 li ser jiġu ppreżentati dak in-nhar tal-laqgħa u spjegati mill-Accountants**

i Is-Sur Cutajar beda billi spjega li din is-sena kienet ikkaratterizzata bir-riveżjoni fil-kontijiet ta' xogħol relatati mal-PPP u Resurfacing relatati wkoll ma' xogħol ta' PPP.

ii Is-Sur Cutajar kompla jispjega li s-sena li għadha kemm intemmet kien hemm tnaqqis fl-ispejjeż tal-Operat tal-Kunsill. Bħala sena kienet pjuttost pożittiva u l-Kunsill għamel dak li jissejjaħ *Accounting Profit*. Dan jirriżulta peress li l-Kunsill kellu iktar dħul ta' flus milli spejjeż.

iii. Is-Sur Cutajar kompla jispjega li l-Kunsill għandu jiġbor minn terzi persuni madwar €76,000 li l-maġġor parti tagħhom, €48,000 huma dovuti mill-WSC. Dawn il-bilanċi huma antiki u jista' jkun li l-WSC ma tonorax l-obbligi tagħha.

iv. Is-Sur Cutajar qal li s-saħħa tal-Kunsill titkejjel mill-Financial Indicator li suppost skond il-Financial Regulations trid ikun 10% tal-Allokazzjoni Annwali tal-Kunsill. Dan il-Kunsill din is-sena rnexxilu jerġa jiġi fil-pożittiv wara li s-sena l-oħra konna fin-negattiv. Il-Kunsill temm is-sena 2014 b'Financial Indicator ta' 6%.

v. Is-Sur Craig issuġġerixxa lill-Kunsill li għalkemm il-Kunsill temm is-sena 2014 fil-pożittiv, xorta għadu lura mill-10% li titlob il-Liġi għalhekk importanti li din is-sena l-Kunsill ikun kawt u jibqa jżomm lura milli jagħmel ċerta spejjeż. Importanti li l-Kunsill ma jonfoqx flus ħlief dawk kuntrattwali.

vi. Is-Sur Cutajar kompla jispjega li għal sena oħra reġa ma sarux l-Financial Statements tal-5 aside ground. Apparti minnhekk dħul mhux qed ikun hemm filwaqt li l-Kunsill Lokali qiegħed waħdu jħallas il-kontijiet fosthom tal-Arms. Dawn il-kontijiet u spejjeż oħra li jista jkun hemm suppost jitħallsu 50% il-Kunsill Lokali u 50% Cassar Ship Repair.

vii. Is-Sur Cutajar spjega wkoll ir-Rapport ta' kull kwart għal-perjodu li jkopri l-aħħar kwart tas-sena 2014. Dan ir-Rapport huwa rifless f'dak li ġie spjegat fil-Financial Statements.

x. Is-Sindku s-Sur Joseph Abela rringrazzja *lill-Accountants,* is-Sur Alan Craig kif ukoll is-Sur Ramon Cutajar ta' l-ispjega dettaljata li taw fuq *unaudited financial statements.*

xi. Is-Segretarju Eżekuttiv issuġġeriet li *l-unaudited financial statements* għas-sena 2014 kif ukoll r-Rapport ta' kull kwart għall-perjodu tal-aħħar kwart tas-sena 2014 jigu approvati kif ipprezentati. Il-Kunsilliera kollha preżenti vvutaw kollha favur. *L-unaudited financial statements* għas-sena 2014 gew approvati flimkien mar-Rapport ta' kull Kwart. Kopja ta' dawn *l-unaudited financial statements* tinsab annesa ma' dawn il-Minuti.

3 **Għeluq tal-Laqgħa**

i Il-laqgħa ntemmet fil-17:30pm.

Sur Joseph Abela
Sindku

Sna Antonella Galea
Seg. Eżek